Parlament Ewropew

2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0407/2023**

6.12.2023

# RAPPORT

dwar l-istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali
(2023/2106(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Karsten Lucke

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ...............................3

NOTA SPJEGATTIVA ..................................................................................................16

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM ....................................................................................................17

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .................18

VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .......19

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali**
**(2023/2106(INI))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-15 ta' Mejju 2019 bit-titolu "L-UE u l-Asja Ċentrali: Opportunitajiet ġodda għal sħubija aktar b'saħħitha", (JOIN(2019)0009),

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2019 dwar l-Istrateġija l-Ġdida dwar l-Asja Ċentrali,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tad-19 ta' Settembru 2018 bit-titolu "Konnessjoni bejn l-Ewropa u l-Asja – Elementi fundamentali għal Strateġija tal-UE" (JOIN(2018)0031),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-1 ta' Diċembru 2021 bit-titolu "Il-Portal Globali" (JOIN(2021)0030),

– wara li kkunsidra l-eżiti tat-18-il laqgħa tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-UE u l-Asja Ċentrali, li saret fis-17 ta' Novembru 2022 f'Samarkand, li ffukat fuq is-sejbien ta' soluzzjonijiet għal sfidi komuni,

– wara li kkunsidra l-istqarrija għall-istampa konġunta mill-kapijiet ta' stat tal-Asja Ċentrali u l-President tal-Kunsill Ewropew, maħruġa wara t-tieni laqgħa reġjonali ta' livell għoli li saret f'Cholpon-Ata fit-2 ta' Ġunju 2023,

– wara li kkunsidra l-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Każakistan, min-naħa l-oħra[1],

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u Kooperazzjoni li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Kirgiża, min-naħa l-oħra[2],

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-13 ta' Ġunju 2022 għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika Kirgiża, min-naħa l-oħra (COM(2022)0277),

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-

[1] ĠU L 29, 4.2.2016, p. 3.
[2] ĠU L 196, 28.7.1999, p. 48.

Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra[3],

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Użbekistan, min-naħa l-oħra[4],

– wara li kkunsidra l-eżiti tal-Konferenza dwar il-Konnettività bejn l-UE u l-Asja Ċentrali, li saret fit-18 ta' Novembru 2022, it-tieni Forum Ekonomiku bejn l-UE u l-Asja Ċentrali, li sar mit-18 sad-19 ta' Mejju 2023, ir-raba' Forum tas-Soċjetà Ċivili bejn l-UE u l-Asja Ċentrali, li sar fl-10 ta' Marzu 2023, u s-seba' Konferenza ta' Livell Għoli bejn l-UE u l-Asja Ċentrali dwar l-Ambjent u r-Riżorsi tal-Ilma, li saret bejn it-23 u l-24 ta' Frar 2023,

– wara li kkunsidra l-istudju ffinanzjat mill-UE bit-titolu "Sustainable transport connections between Europe and Central Asia" (Konnessjonijiet tat-trasport sostenibbli bejn l-Ewropa u l-Asja Ċentrali), imwettaq mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp u ppubblikat fit-30 ta' Ġunju 2023,

– wara li kkunsidra l-Memorandum ta' Qbil bejn l-UE u l-Każakistan dwar sħubija strateġika fil-qasam tal-materja prima, il-batteriji u l-idroġenu rinnovabbli, iffirmat fis-7 ta' Novembru 2022,

– wara li kkunsidra r-riżultati tad-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-Istati tal-Asja Ċentrali,

– wara li kkunsidra l-Pjan Direzzjonali Konġunt għall-Approfondiment tar-Rabtiet bejn l-UE u l-Asja Ċentrali, approvat matul id-19-il Laqgħa Ministerjali UE-Asja Ċentrali li saret fit-23 ta' Ottubru 2023,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-kapijiet ta' stat tal-Asja Ċentrali u tal-Kanċillier Federali tal-Ġermanja wara s-summit tagħhom tad-29 ta' Settembru 2023 f'Berlin,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Każakistan, il-Kirgistan, it-Taġikistan, it-Turkmenistan u l-Użbekistan,

– wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru III għall-2021-2025,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2020 dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fil-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE[5],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0407/2023),

A. billi minn mindu ġiet adottata l-istrateġija tal-UE dwar l-Asja Ċentrali fl-2019, ir-reġjun

[3] ĠU L 350, 29.12.2009, p. 3.
[4] ĠU L 229, 31.8.1999, p. 3.
[5] ĠU C 404, 6.10.2021, p. 202.

ġie affettwat minn fatturi esterni sinifikanti, bħall-gwerra illegali ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, it-teħid tal-kontroll tal-Afganistan mit-Talibani u l-politika barranija taċ-Ċina dejjem aktar assertiva, kif ukoll mill-instabbiltà interna, b'mod partikolari l-inkwiet vjolenti fil-Każakistan f'Jannar 2022, ir-repressjoni vjolenti wara protesti mill-Pamiris fl-Oblast Awtonomu ta' Gorno-Badakhshan tat-Taġikistan f'Novembru 2021 u f'Mejju 2022 u fir-Repubblika ta' Karakalpakstan, l-Użbekistan, f'Lulju 2022, u l-ġlied ripetut fuq il-fruntiera Kirgiża-Taġikistana;

B. billi l-Asja Ċentrali hija reġjun ta' interess strateġiku għall-UE f'termini ta' sigurtà u konnettività kif ukoll f'termini ta' diversifikazzjoni tal-enerġija u r-riżorsi, ir-riżoluzzjoni tal-kunflitti u d-difiża tal-ordni internazzjonali multilaterali bbażat fuq ir-regoli, li ġie sfidat mill-attakk tar-Russja fuq il-valuri tagħna, l-aggravar tal-kriżi globali tal-ikel, l-aggressjoni u l-atroċitajiet, it-tixrid tad-diżinformazzjoni, il-korruzzjoni bl-użu tal-armi u l-indħil fl-elezzjonijiet;

C. billi l-ebda wieħed mill-Istati tal-Asja Ċentrali ma jappoġġja l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja u lanqas ma jirrikonoxxi r-reġjuni Ukreni annessi mir-Russja bħala partijiet mill-Federazzjoni Russa;

D. billi fit-28 ta' Marzu 2023, il-Mibgħut Speċjali tas-Sanzjonijiet tal-UE stieden lill-pajjiżi fir-reġjun jevitaw li jassistu lit-tentattivi ta' Moska biex tevadi s-sanzjonijiet imposti fuq ir-Russja minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna;

E. billi l-uffiċjali u l-propagandisti Russi qed ikomplu jużaw retorika aggressiva kontra xi Stati tal-Asja Ċentrali, b'mod partikolari kontra l-Każakistan, filwaqt li jqajmu dubji dwar l-integrità territorjali u l-identità nazzjonali tal-pajjiż;

F. billi ċirkostanzi bħall-iżolament tar-Russja bħala riżultat tal-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, it-tisħiħ tar-rotot kummerċjali mill-Asja Ċentrali li jevitaw ir-Russja, it-tkabbir ippjanat tal-UE fl-Ewropa tal-Lvant u l-influwenza dejjem tikber taċ-Ċina fir-reġjun jitolbu riforma sħiħa tal-istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali u preżenza aktar attiva tal-UE demokratika fir-reġjun bħala alternattiva għall-atturi awtokratiċi stabbiliti;

G. billi hemm bżonn li tiġi żgurata konnettività bejn l-Ewropa u l-Asja b'mod li tevita li tgħaddi mit-territorju Russu; billi l-UE għandha interess qawwi fit-tiftiħ ta' kurituri kummerċjali u enerġetiċi effiċjenti bejn l-Ewropa u l-Asja, kif uriet il-Konferenza dwar il-Konnettività bejn l-UE u l-Asja Ċentrali li saret f'Samarkand fit-18 ta' Novembru 2022;

H. billi l-ħames Stati tal-Asja Ċentrali kollha rratifikaw il-Ftehim ta' Pariġi; billi huma partikolarment vulnerabbli għall-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima; billi l-ġestjoni ħażina tal-ilma u t-tniġġis irresponsabbli tax-xmajjar ewlenin għall-irrigazzjoni tal-għelieqi tal-qoton irriżultaw fl-użu u fl-isfruttament ineffettivi tar-riżorsi tal-ilma fir-reġjun; billi l-glaċieri fl-Asja Ċentrali qed ikomplu jonqsu b'mod rapidu, u b'hekk qed jaggravaw waħda mill-aktar kriżijiet serji tal-ilma fid-Dinja u jesponu lill-popolazzjoni vulnerabbli taż-żona għal problemi ta' saħħa, ekoloġiċi u soċjali diżastrużi; billi l-kunflitti frekwenti dwar l-ilma u l-instabbiltà politika llimitaw l-ippjanar unifikat u l-allokazzjoni effiċjenti tax-xmajjar transkonfinali; billi l-bidliet ġeopolitiċi fir-reġjun usa' joħolqu opportunitajiet għal kooperazzjoni reġjonali aktar sinifikanti; billi kooperazzjoni

reġjonali bħal din uriet li għandha impatt fil-kuntest tad-diplomazija fil-qasam tal-ilma u fis-soluzzjoni tat-tilwim dwar il-fruntieri, u se tkun saħansitra aktar kruċjali biex jiġi indirizzat it-theddid transkonfinali dejjem akbar ikkawżat mit-tibdil fil-klima;

I. billi l-Ftehimiet Imsaħħa ta' Sħubija u Kooperazzjoni huma ftehimiet ta' ġenerazzjoni ġdida li huma l-pedament tal-impenn tal-UE mal-Asja Ċentrali; billi l-Każakistan kien l-ewwel stat tal-Asja Ċentrali li ffirma Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni (EPCA) fl-2015, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2020 wara r-ratifika tiegħu mill-Istati Membri kollha, u għandu jiġi rieżaminat perjodikament; billi n-negozjati dwar l-EPCA UE-Kirgistan ġew konklużi fis-6 ta' Lulju 2019, iżda l-ftehim għadu ma ġiex iffirmat minħabba tilwima legali bejn il-Kunsill u l-Kummissjoni; billi n-negozjati dwar l-EPCA UE-Użbekistan ġew konklużi fis-6 ta' Lulju 2022; billi fil-bidu tal-2023, l-UE u t-Taġikistan bdew negozjati dwar EPCA; billi fl-1998 ġie ffirmat Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK) mat-Turkmenistan, iżda l-Parlament ma tax l-approvazzjoni tiegħu biex jirratifika l-ftehim minħabba t-tħassib serju tiegħu dwar il-punti ta' riferiment fuq terminu qasir għall-progress tat-Turkmenistan dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali;

J. billi l-ewwel laqgħa tal-mexxejja tal-UE u tal-Asja Ċentrali saret f'Astana fis-27 ta' Ottubru 2022, segwita mit-tieni laqgħa ta' dan it-tip f'Cholpon-Ata fit-2 ta' Ġunju 2023; billi huwa ppjanat summit tal-mexxejja għall-2024; billi dawn il-laqgħat jirrappreżentaw istituzzjonalizzazzjoni ulterjuri tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Asja Ċentrali u jikkomplementaw il-ħidma ta' djalogi u pjattaformi reġjonali eżistenti;

K. billi l-ewwel summit C5+1 bejn il-mexxejja tal-Asja Ċentrali u l-President tal-Istati Uniti sar fi New York fid-19 ta' Settembru 2023; billi s-summit C5+Ġermanja sar f'Berlin fid-29 ta' Settembru 2023;

L. billi l-ħames Stati tal-Asja Ċentrali kollha għandhom punteġġi baxxi u li qed jonqsu fid-demokrazija u r-rapport Freedom in the World tal-2023 ta' Freedom House jikklassifikahom bħala reġimi awtoritarji u bħala "mhux liberi"; billi l-Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa tal-2023 irrapporta deterjorament sinifikanti fis-sitwazzjoni tal-libertà tal-istampa fl-Asja Ċentrali u l-punteġġ medju għall-Asja Ċentrali fl-Indiċi tal-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni tal-2022 kien ferm taħt il-medja globali; billi Reporters Mingħajr Fruntieri rrappurtaw bosta każijiet ta' awtoritajiet tal-Asja Ċentrali li għamlu pressjoni fuq il-midja tagħhom biex jew tkopri l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja b'mod "newtrali", jew biex tinjoraha għalkollox;

M. billi l-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tal-Parlament żar it-Taġikistan u l-Użbekistan bejn il-21 u l-25 ta' Frar 2022 u l-Każakistan u l-Kirgistan bejn il-21 u l-25 ta' Awwissu 2023; billi d-Delegazzjoni tiegħu għall-Kumitati ta' Kooperazzjoni Parlamentari UE-Każakistan, UE-Kirgistan, UE-Użbekistan u UE-Taġikistan, u għar-relazzjonijiet mat-Turkmenistan u l-Mongolja żżomm relazzjonijiet interparlamentari regolari mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali;

N. billi fl-Asja Ċentrali, hemm biżgħat fondati sew ta' radikalizzazzjoni, estremiżmu li qed jikber u theddida terroristika, b'għadd kbir ħafna ta' eks ġellieda tal-ISIS li qed jirritornaw lejn ir-reġjun u sitwazzjoni mwiegħra ta' sigurtà fl-Afganistan;

O. billi n-nisa u l-bniet fl-Asja Ċentrali għadhom vulnerabbli mmens għall-abbuż,

speċjalment peress li hemm livell għoli ta' aċċettazzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa u għarfien baxx tal-istereotipi marbuta mal-ġeneru;

P. billi ż-żwieġ tat-tfal għadu komuni fl-Asja Ċentrali, b'mod partikolari fil-Kirgistan u fit-Taġikistan fejn tifla waħda minn kull tmienja tiżżewweġ qabel l-età ta' 18-il sena;

*L-impenn tal-UE mal-Asja Ċentrali*

1. Jissottolinja li l-UE u l-Asja Ċentrali qed jiffaċċjaw bidliet u sfidi ġeopolitiċi globali u reġjonali profondi, li jipprovdu impetu sinifikanti għalihom biex jaħdmu favur kooperazzjoni fit-tul, strutturata u ta' benefiċċju reċiproku fi kwistjonijiet ta' interess komuni; iħeġġeġ bil-qawwa lill-UE tintensifika l-impenn tagħha mal-Asja Ċentrali, minħabba l-importanza ġeostrateġika tar-reġjun, u tippromwovi sħubija strateġika ma' dawn il-pajjiżi billi tespandi l-kooperazzjoni fil-livell politiku u ekonomiku; jilqa' ż-żieda fil-kuntatt ta' livell għoli bejn l-UE u l-Asja Ċentrali, b'mod partikolari l-laqgħat bejn il-kapijiet ta' stat tal-Asja Ċentrali u l-President tal-Kunsill Ewropew, u l-ħidma tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Asja Ċentrali; jitlob segwitu għal dawn il-laqgħat u d-dikjarazzjonijiet ta' livell għoli kollha b'azzjonijiet konkreti; jilqa', f'dan il-kuntest, il-fatt li l-ewwel summit bejn l-UE u l-Asja Ċentrali huwa ppjanat għall-2024, u l-approvazzjoni tal-Pjan Direzzjonali Konġunt għall-Approfondiment tar-Rabtiet bejn l-UE u l-Asja Ċentrali, li jservi bħala pjan ta' azzjoni strateġiku biex jitmexxew 'il quddiem id-djalogu u l-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi, fosthom il-bini ta' reżiljenza kulturali, soċjali u ekonomika; iħeġġeġ lill-UE tkompli tippromwovi riformi politiċi u ekonomiċi li jsaħħu l-istat tad-dritt, id-demokrazija, il-governanza tajba u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem; jinnota li l-Parlament huwa lest li jippromwovi l-kooperazzjoni parlamentari mal-Asja Ċentrali;

2. Jinnota li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u ż-żieda fin-narrattivi nazzjonalistiċi tagħha dgħajfu l-pożizzjoni tar-Russja fir-reġjun u ħeġġew lill-Asja Ċentrali tfittex kooperazzjoni ma' atturi oħra, u li dawn l-atturi intensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom mal-Asja Ċentrali; jieħu nota wkoll tal-impenn Ċiniż fir-reġjun; jisħaq li l-UE issa għandha l-opportunità li tespandi r-rabtiet tagħha mal-Asja Ċentrali u jkollha rwol aktar prominenti fir-reġjun; jissottolinja li l-UE għandha tuża din l-opportunità biex trawwem kooperazzjoni ta' benefiċċju reċiproku u toffri lill-Asja Ċentrali sħubija li tista' ssir rotta speċjali fi strateġija usa' fil-konfront tal-ġirien tal-Lvant tal-UE; iqis li t-tisħiħ ta' din il-kooperazzjoni jikkontribwixxi wkoll għall-ġlieda kontra l-influwenza tar-Russja fir-reġjun;

3. Jissottolinja l-importanza tal-kooperazzjoni transatlantika dwar l-Asja Ċentrali u jistieden lill-UE tieħu inizjattiva fit-tfassil ta' strateġija konġunta għall-Asja Ċentrali mal-Istati Uniti, li għandha tinkludi kooperazzjoni fl-oqsma tal-promozzjoni tad-demokrazija, l-investimenti u l-kummerċ, l-ekonomija u s-sigurtà reġjonali;

4. Itenni l-impenn tal-UE li taħdem flimkien mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali għall-paċi, is-sigurtà, l-istabbiltà, il-prosperità u l-iżvilupp sostenibbli b'rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali, kif ukoll il-prinċipji tar-rispett għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-pajjiżi kollha, in-nuqqas ta' użu tal-forza jew it-theddida tal-użu tagħha u s-soluzzjoni paċifika tat-tilwim internazzjonali;

5. Jirrifjuta kwalunkwe tentattiv biex jiġi ffaċilitat jew assistit bi kwalunkwe mod ir-

rikonoxximent internazzjonali tal-entità seċessjonista f'Ċipru okkupat, inkluż fir-rigward tal-allegata aċċettazzjoni tagħha bħala osservatur fl-Organizzazzjoni tal-Istati Turkiċi; iħeġġeġ lill-Istati kkonċernati tal-Asja Ċentrali biex effettivament jiddefendu r-rispett tal-prinċipji tas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Istati kollha u biex ma jirratifikawx l-Istatut emendat tal-Organizzazzjoni tal-Istati Turkiċi, li jdaħħal fis-seħħ id-deċiżjoni li jingħata status ta' osservatur;

6. Jirrikonoxxi li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-implikazzjonijiet tagħha jippreżentaw kemm sfidi kif ukoll opportunitajiet għall-Istati tal-Asja Ċentrali, li tradizzjonalment żammew relazzjonijiet mill-qrib mar-Russja; jissottolinja l-interess tal-UE li żżid ir-relazzjonijiet ekonomiċi u tintensifika r-rabtiet politiċi mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali, parzjalment biex timminimizza ċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet kontra r-Russja u l-Bjelorussja; jenfasizza s-sinifikat ta' skambju mill-qrib kontinwu dwar is-sanzjonijiet u jistieden lill-awtoritajiet tal-Istati tal-Asja Ċentrali, b'mod partikolari l-Każakistan, il-Kirgistan u l-Użbekistan, jikkooperaw mill-qrib mal-UE, speċjalment mal-Mibgħut tas-Sanzjonijiet tagħha, sabiex jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jipprevjenu ċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet; jikkundanna l-proċedura tar-Russja li tirrekluta migranti u ċittadini tal-Asja Ċentrali biex tiġġieled fl-Ukrajna u jappoġġja azzjonijiet immirati biex din tintemm; jinnota l-isforzi individwali tal-Istati tal-Asja Ċentrali biex jiżguraw li t-territorji tagħhom ma jintużawx biex jevitaw is-sanzjonijiet tal-UE u jilqa' l-miżuri amministrattivi u l-impenn politiku ta' livell għoli tal-Każakistan f'dan ir-rigward; jistieden lill-UE tuża approċċ differenzjat fl-istrateġija tagħha għall-Asja Ċentrali, li se tivvaluta l-livell ta' kooperazzjoni mal-UE dwar il-politika ta' sanzjonijiet fil-konfront tar-Russja; jinnota r-rwol li għandhom l-Istati Membri nfushom biex jiġi żgurat li l-prodotti tal-esportazzjoni li x'aktarx xorta se jaslu r-Russja mill-Asja Ċentrali jgħaddu mill-kontrolli preventivi xierqa;

7. Iqis li huwa meħtieġ rieżami tal-istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali sabiex din tiġi aġġornata fid-dawl tal-avvenimenti ġeopolitiċi li seħħew f'dawn l-aħħar snin; itenni r-rwol ewlieni tal-Ftehimiet Imsaħħa ta' Sħubija u Kooperazzjoni bħala l-qafas għall-kooperazzjoni mal-Istati tal-Asja Ċentrali; jinnota, bi tħassib, li l-EPCA mal-Kirgistan, li n-negozjati dwaru ġew konklużi fl-2019, għadu mhux iffirmat; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni javvanzaw malajr fin-negozjati li għaddejjin dwar EPCA mat-Taġikistan, isolvu l-kwistjonijiet pendenti u jiffirmaw il-Ftehimiet Imsaħħa ta' Sħubija u Kooperazzjoni mal-Kirgistan u l-Użbekistan mingħajr aktar dewmien sabiex il-Parlament jeżerċita l-prerogattivi tiegħu rigward ir-ratifika ta' dawn il-ftehimiet; jisħaq li l-fatt li ma jiġux iffirmati ftehimiet bħal dawn wara l-konklużjoni tan-negozjati jqajjem dubji dwar il-kredibbiltà tal-UE bħala attur globali;

8. Jinnota li l-Ftehimiet Imsaħħa ta' Sħubija u Kooperazzjoni mal-Istati tal-Asja Ċentrali nnegozjati s'issa poġġew enfasi qawwija fuq ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt; jisħaq fuq l-importanza tal-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, tal-valuri demokratiċi, tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, tal-media ħielsa u tat-tranżizzjoni ekoloġika fl-interazzjonijiet mal-gvernijiet tal-Asja Ċentrali;

***Il-kooperazzjoni reġjonali***

9. Jissottolinja l-potenzjal kbir ta' kooperazzjoni ta' benefiċċju reċiproku dwar l-iżvilupp sostenibbli, il-konnettività, l-enerġija, il-materja prima kritika u s-sigurtà, u li l-Asja

Ċentrali hija reġjun fundamentali għall-konnettività bejn il-Lvant u l-Punent; ifakkar, f'dan il-kuntest, fil-konsegwenzi ġeopolitiċi sinifikanti tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li reġgħet saħħet il-"Kuritur tan-Nofs" (Middle Corridor) mhux biss bħala żona ekonomika reġjonali, iżda wkoll bħala rotta alternattiva u sostenibbli bejn l-Asja u l-Ewropa li tevita li taqsam it-territorju Russu; ifakkar li l-Pont Kontinentali l-Ġdid tal-Ewrasja jgħaddi mit-territorju Russu u Belarussu sanzjonat; jisħaq fuq is-sinifikat tal-promozzjoni tal-integrazzjoni reġjonali tul il-"Kuritur tan-Nofs" u jinnota li sabiex jiġi attirat il-finanzjament tant meħtieġ għal proġetti ta' infrastruttura fl-ambitu tal-Global Gateway, iridu jiġu eliminati l-ostakli identifikati fl-istudju mwettaq mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp; jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga l-possibbiltà li l-Bank Ewropew tal-Investiment jappoġġja l-investimenti fl-iżvilupp tal-infrastruttura fl-Istati tal-Asja Ċentrali, speċjalment fil-"Kuritur tan-Nofs";

10. Jemmen li l-politika tal-UE lejn l-Asja Ċentrali fl-oqsma tal-enerġija, il-konnettività u d-diversifikazzjoni tar-riżorsi għandha tkun ispirata mill-Patt Ekoloġiku Ewropew u bbażata fuq sħubijiet strateġiċi ta' benefiċċju reċiproku li jqisu l-pekuljaritajiet ta' kull wieħed mill-Istati tal-Asja Ċentrali, filwaqt li jiżguraw l-aċċess tagħhom għal teknoloġiji moderni u impjiegi ta' kwalità, filwaqt li jiggarantixxu aċċess sigur u kompetittiv għall-materja prima u l-enerġija għall-UE; jinsab imħasseb, f'dan ir-rigward, bil-fatt li nħolqot dipendenza fuq ir-Russja bħala riżultat tal-iffirmar tal-ftehim dwar il-gass naturali bejn Gazprom u l-Użbekistan permezz tal-Każakistan;

11. Jirrikonoxxi r-rwol kruċjali tal-UE fil-finanzjament tar-riformi settorjali tal-Asja Ċentrali, fit-titjib tal-effiċjenza enerġetika tagħha u fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tagħha ta' gassijiet b'effett ta' serra; jilqa' t-tnedija tal-proġett dwar il-Konnettività tal-Enerġija Sostenibbli fl-Asja Ċentrali (SECCA) fl-2022, u jistenna bil-ħerqa l-impatt pożittiv tiegħu fuq it-tisħiħ tal-politiki nazzjonali għat-tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija sostenibbli u ż-żieda fl-investiment, fil-kapaċità u fis-sensibilizzazzjoni rigward l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika fir-reġjun;

12. Jissottolinja l-importanza ta' klima ta' investiment pożittiva għall-iżvilupp ekonomiku tal-Asja Ċentrali u tal-kummerċ u l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Asja Ċentrali; jenfasizza li klima ta' investiment pożittiva li twassal għall-ħolqien ta' postijiet tax-xogħol ta' kwalità b'salarji adegwati u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti tiddependi minn istituzzjonijiet demokratiċi stabbli, mir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, kif ukoll mill-kapaċità tan-negozji u tas-soċjetà ċivili għall-applikazzjoni tad-diliġenza dovuta;

13. Jinnota l-approċċ li ilhom iħaddnu l-Istati tal-Asja Ċentrali, bl-eċċezzjoni tat-Taġikistan, li jżommu relazzjonijiet mal-Afganistan u l-impenn prammatiku tagħhom li qed jevolvi mat-Talibani, li madankollu ma jirrikonoxxux, minn mindu ħadu l-kontroll fl-2021; jissottolinja li l-pajjiżi fir-reġjun, b'mod partikolari l-Pakistan u ċ-Ċina, iżda anke l-Istati tal-Asja Ċentrali għandhom rwol ewlieni biex jiżguraw l-istabbiltà fl-Afganistan permezz tal-għoti ta' għajnuna umanitarja, elettriku, opportunitajiet kummerċjali u proġetti konġunti ta' konnettività; iħeġġeġ lill-Mibgħut Speċjali tal-UE għall-Afganistan ikompli jikkoopera mill-qrib mal-kontropartijiet fl-Istati tal-Asja Ċentrali bħala parti mid-djalogu bejn l-UE u l-Asja Ċentrali dwar l-Afganistan; jirrikonoxxi li l-Asja Ċentrali hija żona kruċjali biex jitrażżnu l-estremiżmu reliġjuż, it-terroriżmu u n-

networks tat-traffikar tad-droga u qed tiffaċċja pressjoni migratorja akbar minħabba l-kriżi umanitarja li għaddejja fl-Afganistan; itenni r-rabja tiegħu għat-trattament tan-nisa mit-Talibani bħala inqas minn ċittadini sekondarji u jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Mibgħut Speċjali tal-UE għall-Afganistan jikkooperaw mat-Turkmenistan, l-Użbekistan u t-Taġikistan biex jassistu lin-nisa li jippruvaw jaħarbu mill-Afganistan;

14. Jenfasizza r-rwol tal-UE bħala donatur importanti ta' għajnuna lir-reġjun; jissottolinja l-importanza li jittieħed approċċ magħqud bħala Tim Ewropa, peress li dan jagħmilha possibbli li jinħolqu sinerġiji u jiġi mmassimizzat l-impatt tal-azzjoni meħuda u juri l-benefiċċji tal-kooperazzjoni multilaterali, u jlaqqa' flimkien l-aħjar għodod u sħab, bħall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-media u l-esperti indipendenti, u s-settur pubbliku u privat, biex jinkiseb l-impatt maħsub; jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata l-viżibbiltà tal-assistenza u l-investiment tal-UE u jitlob li l-assistenza u l-appoġġ baġitarju tal-UE lill-Istati tal-Asja Ċentrali jkunu marbuta ma' parametri referenzjarji konkreti għall-progress fir-riformi demokratiċi, fid-drittijiet tal-bniedem, fil-protezzjoni, fl-istat tad-dritt u fl-iżvilupp sostenibbli; jisħaq fuq l-importanza ta' kooperazzjoni koordinata ma' sħab u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra biex ikunu jistgħu jsiru sinerġiji u tiġi evitata d-duplikazzjoni;

15. Jinnota li t-tibdil fil-klima, il-popolazzjoni li qed tikber u l-ħtiġijiet ekonomiċi qed ipoġġu pressjoni dejjem akbar fuq ir-riżorsi tal-ilma fl-Asja Ċentrali; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' kooperazzjoni reġjonali aktar mill-qrib dwar din il-kwistjoni bejn il-pajjiżi upstream u downstream sabiex jiġu evitati kunflitti dwar id-distribuzzjoni u l-użu tar-riżorsi tal-ilma; jilqa' l-pjattaformi reġjonali, bħall-Fond Internazzjonali biex Jissalva l-Baħar ta' Aral, li jħeġġu d-djalogu u l-kooperazzjoni bejn l-Istati tal-Asja Ċentrali; ifakkar li d-djalogu ambjentali bejn l-UE u l-Asja Ċentrali ġie stabbilit sabiex jappoġġja l-istabbilizzazzjoni tal-Baħar ta' Aral u jrawwem ġestjoni aħjar tar-riżorsi tal-ilma; jitlob li jiġi implimentat il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima u jinsab lest li jipprovdi għarfien espert u kooperazzjoni sabiex dan jinkiseb;

16. Jenfasizza li s-soluzzjoni tal-kunflitti, inklużi dawk li jikkonċernaw id-distribuzzjoni tal-ilma, f'konformità mad-dritt internazzjonali u r-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat, u l-evitar akkost ta' kollox tal-użu jew tat-theddida tal-forza huma kruċjali biex jinkisbu kemm l-istabbiltà reġjonali fit-tul kif ukoll l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli; jissottolinja l-importanza tad-delimitazzjoni u d-demarkazzjoni ta' żoni tal-fruntiera kkontestati bejn it-Taġikistan u l-Kirgistan biex jiġi evitat aktar ġlied militari bejn iż-żewġ pajjiżi u jilqa' l-passi li ħadu ż-żewġ naħat f'dan ir-rigward; itenni l-offerta tal-UE li tappoġġja r-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitt permezz ta' assistenza teknika u miżuri għall-bini tal-fiduċja; jilqa' s-soluzzjoni tal-kwistjoni tad-delimitazzjoni tal-fruntieri bejn il-Kirgistan u l-Użbekistan f'Jannar 2023; itenni li l-UE hija impenjata favur in-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva fiż-żona;

*Id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem*

17. Jinsisti li r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-konformità mal-obbligi internazzjonali huma importanti għar-relazzjonijiet tal-UE mal-Asja Ċentrali; iħeġġeġ lill-Istati tal-Asja Ċentrali jaderixxu mal-obbligi tagħhom dwar id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li jinnota li dan huwa wkoll konformi mal-Ftehimiet ta' Sħubija u

Kooperazzjoni u l-Iskema Ġeneralizzata ta’ Preferenzi Plus; jisħaq fuq l-importanza li jinżammu djalogi regolari dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-Istati tal-Asja Ċentrali, peress li dawn id-djalogi huma strument għall-promozzjoni tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u għall-pluraliżmu politiku, u forum biex jitqajmu kwistjonijiet ta’ tħassib; jistieden lid-delegazzjonijiet tal-UE u lir-rappreżentanzi tal-Istati Membri fl-Asja Ċentrali jkomplu jaqdu rwol attiv fil-monitoraġġ tas-sitwazzjoni fuq il-post, jaħdmu mad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u jirreaġixxu għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-persekuzzjoni politikament motivata, inkluż billi jattendu proċessi u jżuru priġunieri politiċi; iħeġġeġ il-kooperazzjoni mal-korpi tat-trattati tan-NU u l-proċeduri speċjali kif ukoll f’fora multilaterali dwar id-drittijiet tal-bniedem bħall-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU;

18. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta’ responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fuq skala kbira, inkluż l-użu ta’ miżuri ħorox mill-awtoritajiet biex itemmu l-protesti tal-massa u l-inkwiet li rriżulta matul l-hekk imsejħa avvenimenti “Bloody January” fil-Każakistan, kif ukoll fl-Oblast Awtonomu ta’ Gorno-Badakhshan (GBAO) fit-Taġikistan u fir-Repubblika ta’ Karakalpakstan fl-Użbekistan; jistieden lill-awtoritajiet fil-ħames Stati tal-Asja Ċentrali jieħdu miżuri effettivi biex iniedu investigazzjonijiet indipendenti u bir-reqqa dwar l-allegazzjonijiet kollha ta’ tortura u trattament ħażin u ksur serju ieħor tad-drittijiet tal-bniedem, u biex jipprevjenu l-użu ta’ forza eċċessiva u tortura mill-pulizija u l-forzi tas-sigurtà; jistieden lill-gvernijiet tal-Istati tal-Asja Ċentrali jwettqu riformi ġudizzjarji bl-għan li jiżguraw indipendenza u trasparenza akbar;

19. Jissottolinja n-nuqqasijiet demokratiċi fundamentali fl-Asja Ċentrali, fir-rigward tal-governanza demokratika, l-istat tad-dritt u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, li għadhom jippersistu u li dan l-aħħar marru għall-agħar f’diversi aspetti; jissottolinja l-ħtieġa li l-proċessi elettorali jsiru aktar trasparenti, miftuħa u ġusti għall-atturi politiċi kollha; jenfasizza r-rwol importanti li s-soċjetà ċivili jista’ jkollha fl-appoġġ u l-avvanz tar-riformi demokratiċi, il-governanza tajba u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Asja Ċentrali; jiddispjaċih dwar l-approċċ restrittiv li ttieħed f’inizjattivi leġiżlattivi dwar l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-media, li jnaqqsu l-ispazju għall-attivitajiet tas-soċjetà ċivili; jistieden lill-Istati tal-Asja Ċentrali jieħdu passi sinifikanti biex jindirizzaw dawn in-nuqqasijiet, jimplimentaw il-konvenzjonijiet rilevanti tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u jiżguraw il-konformità mal-obbligi internazzjonali tagħhom rigward il-governanza demokratika u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li jinnota li l-Istati impenjaw ruħhom li jagħmlu dan fl-ambitu tal-Ftehimiet ta’ Sħubija u Kooperazzoni mal-UE, il-Ftehimiet Imsaħħa ta’ Sħubija u Kooperazzjoni nnegozjati u l-Iskema Ġeneralizzata ta’ Preferenzi Plus tal-UE; jinnota li l-Istati tal-Asja Ċentrali għandhom popolazzjonijiet żgħażagħ u dinamiċi li għandhom jingħataw opportunitajiet biex jinvolvu ruħhom b’mod sinifikanti fit-tiswir tal-futur ta’ pajjiżhom; jilqa’ l-attivitajiet tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili UE-Asja Ċentrali u jitlob lill-UE ssaħħaħ l-appoġġ tagħha għas-soċjetà ċivili;

20. Jinnota l-ħtieġa li tingħata spinta lir-reżiljenza tal-Asja Ċentrali kontra d-diżinformazzjoni billi jiġu promossi l-media u l-kontenut indipendenti fil-lingwi lokali, jiżdied il-litteriżmu medjatiku u jiġu organizzati korsijiet immirati għall-ġurnalisti lokali; jisħaq fuq il-ħtieġa li jissaħħu l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media u l-libertà tal-espressjoni fl-Asja Ċentrali f’konformità mal-ogħla standards demokratiċi; jitlob

trasparenza akbar tas-sjieda u l-finanzjament tal-media bl-għan li jissaħħu l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media; jiddispjaċih li l-awtoritajiet tal-Asja Ċentrali sfruttaw il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni biex jirrestrinġu l-eżerċizzju leġittimu tal-libertà tal-espressjoni, inkluż billi akkużaw lil dawk li jitkellmu dwar il-korruzzjoni, l-inġustizzja u l-abbuż tal-gvern li allegatament xerrdu informazzjoni "falza", inċitaw "nuqqas ta' qbil" u ppromwovew "estremiżmu"; jinsab imħasseb dwar l-għadd dejjem akbar ta' arresti ta' ġurnalisti u bloggers u dwar it-theddid li jingħalqu mezzi tal-media indipendenti; jinsisti li r-rispett għad-drittijiet tal-ġurnalisti, tal-bloggers indipendenti, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-attivisti ċiviċi u ambjentali jrid jiġi żgurat, li dawn iridu jiġu garantiti protezzjoni kontra l-fastidju, il-pressjoni u t-theddid, li kwalunkwe attakk kontrihom irid jiġi investigat u li dawk kollha detenuti u mibgħuta l-ħabs inġustament jiġu rilaxxati immedjatament u mingħajr kundizzjoni; jikkundanna l-għadd ta' inizjattivi reċenti tal-gvern biex jagħlaq is-servizzi tal-media indipendenti u jimblokka l-aċċess għas-siti tagħhom fit-Taġikistan u l-Kirgistan, kif ukoll l-abbozz ta' leġiżlazzjoni dwar il-media li bħalissa qed jiġi kkunsidrat fil-Kirgistan u l-Każakistan li jheddu li jżidu l-kontroll tal-Istat fuq l-operazzjonijiet tal-media;

21. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Asja Ċentrali jirrilaxxaw lill-priġunieri politiċi kollha; jistieden b'mod speċifiku lill-awtoritajiet tal-Każakistan biex jeħilsu lil: Aigerim Tleuzhan, Marat Zhylanbayev, Bekizhan Mendygaziyev, Timur Danebayev, Kairat Klyshev; jistieden lill-awtoritajiet tal-Kirgistan jeħilsu lil: Azimbek Beknazarov, Aibek Buzurmankulov, Aidanbek Akmatov, Temir Makhmudov, Marat Bayazov; jistieden lill-awtoritajiet tal-Użbekistan jeħilsu lil: Dauletmurat Tazhimuratov, Allabai Tokymbetov, Nurlan Naiypov, Amirbek Adilbekov; jistieden lill-awtoritajiet tat-Taġikistan jeħilsu lil: Faromuz Irgashov, Ulfatkhonim Mamadshoeva, Khursand Mamadshoev, Khushruz Djumaev; jistieden lill-awtoritajiet tat-Turkmenistan jeħilsu lil: Omruzak Omarkuliev, Murat Dushemov, Murat Ovezov, Mansur Mingelov, Nurgeldy Khalykov;

22. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li, għalkemm l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija allegatament protetta bil-liġi fil-pajjiżi kollha, il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-vjolenza domestika, iż-żwieġ tat-tfal, id-diskriminazzjoni u l-fastidju tal-minoranzi etniċi u reliġjużi u tal-persuni LGBTIQ għadhom mifruxa fl-Asja Ċentrali; iħeġġeġ lill-gvernijiet tal-Asja Ċentrali jipprevjenu dan il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem permezz ta' liġijiet, kampanji edukattivi u miżuri xierqa, inkluż iż-żieda fis-sensibilizzazzjoni u l-kwalifiki tal-uffiċjali pubbliċi, b'mod partikolari l-uffiċjali tal-pulizija, it-tisħiħ tal-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jippromwovu bidliet leġiżlattivi, it-titjib tas-servizzi ta' appoġġ tal-ewwel linja għas-superstiti u s-sensibilizzazzjoni biex jiġu miġġielda l-istereotipi eżistenti u tiġi promossa l-ugwaljanza fis-soċjetà; jesprimi tħassib li l-kriminalizzazzjoni tal-persuni LGBTIQ għadha fis-seħħ, li hemm nuqqas ta' leġiżlazzjoni bażika kontra d-diskriminazzjoni fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, li qed jintuża stupru korrettiv kontra l-leżbjani u li hemm nuqqas ta' spazji sikuri għall-persuni LGBTIQ biex jinġabru fihom, li jsiru raids kontinwi fuq il-ħwienet tax-xorb u l-ispazji soċjali, u li l-brutalità tal-pulizija hija mifruxa; jisħaq li kwalunkwe strateġija tal-UE dwar l-Asja Ċentrali trid tkun konformi mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru III;

23. Itenni t-tħassib tiegħu dwar il-korruzzjoni rampanti u l-kleptokrazija fl-Asja Ċentrali, li jnaqqsu l-fiduċja fil-gvern, iżidu l-inugwaljanza, iċaħħdu liċ-ċittadini mis-servizzi pubbliċi u jnaqqsu t-tkabbir ekonomiku; jistieden lill-gvernijiet tal-Asja Ċentrali jieħdu azzjoni lil hinn mir-retorika mifruxa kontra l-korruzzjoni u finalment, jimpenjaw

ruħhom fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kleptokrazija u jadottaw strateġiji nazzjonali li jiffukaw fuq approċċ integrat għall-prevenzjoni u t-trażżin tal-korruzzjoni kif ukoll iżidu t-trasparenza u l-aċċess għall-informazzjoni, u jillimitaw l-influwenza privata;

24. Jissottolinja li l-UE għandha tikkapitalizza fuq l-immaġni pożittiva tagħha fl-Asja Ċentrali billi tinvolvi ruħha f'aktar diplomazija kulturali u pubblika; jirrakkomanda li jissaħħu r-rabtiet u li jiżdiedu l-opportunitajiet għall-kollaborazzjoni bejn l-istituzzjonijiet Ewropej u tal-Asja Ċentrali u li jitrawmu l-kuntatt u l-mobbiltà bejn il-persuni, filwaqt li jiġu offruti opportunitajiet fl-edukazzjoni u x-xjenza, bħall-iskambju fil-livell akkademiku permezz tal-programmi Erasmus+ u Orizzont 2020, u li jiżdied it-turiżmu sostenibbli;

25. Jinnota r-rieda tal-Istati tal-Asja Ċentrali li jibdew djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża mal-UE u jistieden lill-Kummissjoni tintensifika l-konsultazzjonijiet dwar l-iżvilupp ta' pjanijiet direzzjonali ta' riforma mmirati u komprensivi għall-Istati tal-Asja Ċentrali biex titwitta t-triq għall-faċilitazzjoni tal-viża u l-ftehimiet ta' riammissjoni;

*Il-kooperazzjoni bilaterali*

26. Jinnota li l-Każakistan huwa l-ewwel Stat tal-Asja Ċentrali b'EPCA ratifikat, li jipprovdi pedament sod għall-espansjoni tal-kooperazzjoni f'oqsma ewlenin ta' interess reċiproku, bħall-konnettività, l-effiċjenza enerġetika, l-ekonomija ekoloġika u d-diġitalizzazzjoni; jilqa' l-iffirmar tal-memorandum ta' qbil bejn ir-Repubblika tal-Każakistan u l-UE dwar sħubija strateġika dwar il-materja prima sostenibbli, il-batteriji u l-ktajjen tal-valur tal-idroġenu rinnovabbli; jistieden lill-awtoritajiet tal-Każakistan ikomplu jimplimentaw riformi politiċi u ekonomiċi, li għandhom isaħħu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-governanza tajba; jissottolinja li l-implimentazzjoni tal-viżjoni ta' "Każakistan Ġust u Ekwu" trid tiżgura r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet tal-espressjoni, tal-assoċjazzjoni u tal-għaqda, u ttejjeb il-qafas elettorali f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-OSKE; jistieden lill-awtoritajiet tal-Każakistan ilestu l-investigazzjoni dwar l-avvenimenti ta' Jannar 2022, jippubblikaw is-sejbiet tagħhom u jiżguraw il-ġustizzja għall-vittmi tat-tortura; jinnota l-benefiċċji potenzjali ta' żieda fl-iskambji bejn il-persuni mal-Każakistan permezz ta' ftehim għall-faċilitazzjoni tal-viża, li l-konsultazzjonijiet formali tiegħu bdew f'Mejju 2023;

27. Jissottolinja li l-iffirmar li jmiss tal-EPCA u l-implimentazzjoni li għaddejja tal-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi Plus ipoġġu aktar enfasi fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fil-Kirgistan f'konformità mal-impenji internazzjonali tiegħu; josserva, bi tħassib, id-deterjorament tal-istandards demokratiċi u tad-drittijiet tal-bniedem f'dawn l-aħħar snin, meta wieħed iqis li l-Kirgistan tqies bħala l-aktar pajjiż demokratiku fir-reġjun b'soċjetà ċivili vibranti u media ħielsa; jinsab imħasseb dwar il-persekuzzjoni tal-oppożizzjoni politika, fost l-oħrajn rappreżentanti tal-Partit tad-Demokratiċi Soċjali, u l-impatt negattiv tal-inizjattivi leġiżlattivi mmirati lejn l-attivitajiet tal-media indipendenti u tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari l-liġi dwar "informazzjoni falza" u l-abbozzi ta' liġijiet dwar "rappreżentanti barranin", "il-media tal-massa" u "l-protezzjoni tat-tfal minn informazzjoni dannuża", u l-għadd dejjem jikber ta' każijiet kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ħaddiema tal-media u l-ġurnalisti kif ukoll il-mezzi tal-media; jappella lill-UE tkompli

tappoġġja lis-soċjetà ċivili u lill-media indipendenti;

28. Jinnota li l-bidu tan-negozjati dwar il-ftehim EPCA mat-Taġikistan huwa opportunità biex jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-kooperazzjoni u l-iskambji bilaterali; jissottolinja l-ħtieġa ta' kooperazzjoni mill-qrib kontinwa dwar kwistjonijiet ta' sigurtà peress li l-Afganistan għadu sors ta' tħassib dwar l-instabbiltà u s-sigurtà minħabba t-tmexxija ħarxa mit-Talibani u l-kriżijiet umanitarji li għaddejjin fil-pajjiż; itenni li l-ġlieda leġittima kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti m'għandhiex tintuża bħala skuża biex trażżan l-attività tal-oppożizzjoni, timpedixxi l-libertà tal-espressjoni jew ixxekkel l-indipendenza tal-ġudikatura; jilqa' l-interess tat-Taġikistan li jissieħeb fl-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi Plus, li jista' jappoġġja t-tkabbir ekonomiku sostenibbli u jagħti spinta lill-kummerċ, u jirrikjedi implimentazzjoni effettiva tal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol; jistieden lit-Taġikistan itejjeb il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, b'mod partikolari l-libertà tal-espressjoni, u jieqaf jintimida u jippersegwita l-ħaddiema tal-media, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-avukati indipendenti u s-soċjetà ċivili kif ukoll iwaqqaf ir-repressjoni tal-minoranza Pamiri fil-GBAO;

29. Jinnota li t-Turkmenistan jibqa' l-uniku Stat tal-Asja Ċentrali mingħajr FSK mal-UE, li jillimita l-ambitu għal impenn bilaterali; jisħaq li t-Turkmenistan jeħtieġ li juri titjib fid-demokrazija mwiegħra tiegħu u fir-rekord tad-drittijiet tal-bniedem sabiex il-Parlament jerġa' jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu u jirratifika l-FSK; iħeġġeġ lill-Gvern tat-Turkmenistan jiddekriminalizza r-relazzjonijiet sesswali kunsenswali bejn l-irġiel; jinnota li għandu jkun fl-interess tat-Turkmenistan li l-pajjiż jinfetaħ sabiex jiġi evitat li jkun outlier fir-reġjun b'għażliet limitati għall-kooperazzjoni; jirrikonoxxi l-potenzjal ta' kooperazzjoni ta' benefiċċju reċiproku f'oqsma bħall-enerġija, il-konnettività u l-kummerċ, u jilqa' l-interess espress tat-Turkmenistan li jforni l-gass lill-Ewropa permezz tal-bini ta' pipeline tal-gass Trans-Kaspju;

30. Jinnota r-riformi mħabbra fl-Użbekistan li għandhom l-għan li tinkiseb bidla ġenwina fil-pajjiż f'termini ta' żvilupp soċjoekonomiku, amministrazzjoni effiċjenti, sistema ġudizzjarja aktar indipendenti u rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali; jisħaq li r-riforma kostituzzjonali hija opportunità biex jissaħħaħ l-istat tad-dritt u biex ir-riformi jingħataw bażi legali soda; itenni, madankollu, it-tħassib serju tiegħu dwar ir-rekord fqir tal-Użbekistan dwar id-demokrazija, il-libertà tal-media, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, inkluża r-repressjoni brutali fuq il-protesta ta' Karakalpakstan, ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' assoċjazzjoni kemm għall-organizzazzjonijiet mhux governattivi kif ukoll għall-partiti politiċi, u l-persekuzzjoni tal-ġurnalisti, tal-bloggers indipendenti, tal-produtturi tal-kontenut u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u t-theddid kontrihom; ifakkar lill-awtoritajiet fl-importanza li jirrispettaw il-libertà tal-espressjoni, kemm online kif ukoll offline, il-libertà tal-għaqda, il-libertà tal-assoċjazzjoni u l-indipendenza tal-media; jilqa' b'sodisfazzjon xi titjib notevoli fid-drittijiet tan-nisa fl-Użbekistan; iħeġġeġ lill-Gvern tal-Użbekistan jiddekriminalizza r-relazzjonijiet sesswali kunsenswali bejn l-irġiel; jilqa' t-tlestija tan-negozjati dwar l-EPCA UE-Użbekistan u jtenni t-talba tiegħu biex jitlestew malajr il-proċeduri legali u tekniċi meħtieġa biex jiġi ffirmat l-EPCA; jilqa' r-rwol ewlieni tal-Użbekistan fil-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali f'diversi oqsma, fosthom il-konnettività u l-użu tar-riżorsi tal-ilma;

°

° °

31. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u lill-presidenti, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Każakistan, il-Kirgistan, it-Taġikistan, it-Turkmenistan u l-Użbekistan.

## NOTA SPJEGATTIVA

L-Asja Ċentrali hija reġjun strateġikament importanti għall-Unjoni Ewropea. L-impenn tal-UE fir-reġjun huwa bbażat fuq l-istrateġija dwar l-Asja Ċentrali, adottata fl-2019, li tiffoka fuq il-promozzjoni tar-reżiljenza, il-prosperità u l-kooperazzjoni reġjonali.

Minn mindu ġiet adottata l-istrateġija, ir-reġjun ġie affettwat minn fatturi esterni sinifikanti, bħall-gwerra illegali ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, it-teħid tal-kontroll min-naħa tat-Talibani fl-Afganistan u l-ambizzjonijiet globali taċ-Ċina, kif ukoll l-instabbiltà interna, b'mod partikolari l-inkwiet vjolenti fil-Każakistan f'Jannar 2022, ir-repressjoni vjolenti wara protesti fl-Oblast Awtonomu ta' Gorno-Badakhshan tat-Taġikistan f'Novembru 2021 u f'Mejju 2022 u fir-Repubblika ta' Karakalpakstan, l-Użbekistan f'Lulju 2022 u ġlied ripetut fil-fruntiera Kirgiża-Taġikistana.

Ir-rapport għandu l-għan li jindirizza l-opportunitajiet u l-isfidi għal kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-UE u l-Asja Ċentrali fil-kuntest ta' bidliet ġeopolitiċi globali u reġjonali.

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

| **Entità u/jew persuna** |
|---|
| SEAE |
| Open Dialogue Foundation |
| European Neighbourhood Council |
| International Partnership for Human Rights (IPHR) |
| Human Rights Watch |
| Deutsche Gesellschaft für Auswärtige Politik e.V. |
| L-Ambaxxatur Kirgiż għall-UE |
| Il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Każakistan |
| Il-Viċi Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Każakistan |
| SEAE |

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

# INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 28.11.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 51<br>–: 3<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Alexander Alexandrov Yordanov, Maria Arena, Petras Auštrevičius, Traian Băsescu, Fabio Massimo Castaldo, Włodzimierz Cimoszewicz, Anna Fotyga, Michael Gahler, Kinga Gál, Sunčana Glavak, Raphaël Glucksmann, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, Márton Gyöngyösi, Sandra Kalniete, Andrius Kubilius, Jean-Lin Lacapelle, David Lega, Pedro Marques, David McAllister, Sven Mikser, Francisco José Millán Mon, Alessandra Moretti, Matjaž Nemec, Demetris Papadakis, Kostas Papadakis, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Mounir Satouri, Andreas Schieder, Jordi Solé, Tineke Strik, Dominik Tarczyński, Hermann Tertsch, Viola von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz, Charlie Weimers, Isabel Wiseler-Lima, Tomáš Zdechovský, Bernhard Zimniok |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Vladimír Bilčík, Jakop G. Dalunde, Christophe Grudler, Anja Haga, Evin Incir, Andrey Kovatchev, Georgios Kyrtsos, María Soraya Rodríguez Ramos, Mick Wallace, Elena Yoncheva, Milan Zver |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Clare Daly, Mónica Silvana González, Miguel Urbán Crespo |

## VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 51 | + |
|---|---|
| ECR | Anna Fotyga, Dominik Tarczyński, Hermann Tertsch |
| NI | Fabio Massimo Castaldo, Kinga Gál, Márton Gyöngyösi |
| PPE | Alexander Alexandrov Yordanov, Traian Băsescu, Vladimír Bilčík, Michael Gahler, Sunčana Glavak, Anja Haga, Sandra Kalniete, Andrey Kovatchev, Andrius Kubilius, David Lega, David McAllister, Francisco José Millán Mon, Isabel Wiseler-Lima, Tomáš Zdechovský, Milan Zver |
| Renew | Petras Auštrevičius, Klemen Grošelj, Christophe Grudler, Bernard Guetta, Georgios Kyrtsos, María Soraya Rodríguez Ramos |
| S&D | Maria Arena, Włodzimierz Cimoszewicz, Raphaël Glucksmann, Mónica Silvana González, Evin Incir, Pedro Marques, Sven Mikser, Alessandra Moretti, Matjaž Nemec, Demetris Papadakis, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Andreas Schieder, Elena Yoncheva |
| The Left | Clare Daly, Miguel Urbán Crespo, Mick Wallace |
| Verts/ALE | Jakop G. Dalunde, Mounir Satouri, Jordi Solé, Tineke Strik, Viola von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz |

| 3 | - |
|---|---|
| ID | Jean-Lin Lacapelle, Bernhard Zimniok |
| NI | Kostas Papadakis |

| 1 | 0 |
|---|---|
| ECR | Charlie Weimers |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni